DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-23 ta' April 2009

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

(2009/640/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 [1],

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 - Volum I (C6-0424/2008) [2],

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2007,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit rigward is-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ivverifikati [3],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat tal-KE [4],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 272(10) 274, 275 u 276 tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5], u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0154/2009),

1. Jagħti l-kwittanza lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2007;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President — Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali — Klaus WELLE

---

[1] ĠU L 77, 16.3.2007.
[2] ĠU C 287, 10.11.2008, p. 1.
[3] ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1.
[4] ĠU C 287, 10.11.2008, p. 111.
[5] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.